



Ġabra tal-ġurisprudenza

Kawża C-270/15 P

Ir-Renju tal-Belġju

vs

Il-Kummissjoni Ewropea

“Appell — Għajnuna mogħtija mill-awtoritajiet Belġjani għall-finanzjament ta’ testijiet ta’ screening għall-enċefalopatiji sponġiformi trażmissibbli tal-annimali tal-ifrat — Vantaġġ selettiv — Deċiżjoni li tiddikjara din l-għajnuna parzjalment inkompatibbli mas-suq intern”

Sommarju – Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tat-30 ta’ Ġunju 2016

1. *Għajnuna mogħtija mill-Istati — Kunċett — Intervent mill-Istat li jtaffi l-ispejjeż li normalment huma ta’ piż għall-baġit ta’ impriża — Spejjeż li jirriżultaw mill-osservanza tal-leġiżlazzjoni nazzjonali — Inklużjoni — Spejjeż relatati mal-eżerċizzju mill-Istat tal-prerogattivi tiegħu ta’ awtorità pubblika — Assenza ta’ effett — Intervent mill-Istat foqasma li ma kinux suġġetti għal armonizzazzjoni fl-Unjoni Ewropea — Assenza ta’ effett*

(Artikolu 107(1) TFUE)

2. *Għajnuna mogħtija mill-Istati — Kunċett — Għan ta’ protezzjoni tas-saħħa pubblika — Assenza ta’ effett fuq il-klassifika bħala għajnuna mill-Istat*

(Artikolu 107(1), TFUE)

3. *Għajnuna mogħtija mill-Istati — Kunċett — Natura selettiva tal-miżura — Distinzjoni bejn ir-rekwiżit ta’ selettività u l-identifikazzjoni konkomitanti ta’ vantaġġ ekonomiku kif ukoll bejn skema ta’ għajnuna u għajnuna individwali*

(Artikolu 107(1) TFUE)

4. *Għajnuna mogħtija mill-Istati — Kunċett — Natura selettiva tal-miżura — Differenzazzjoni bejn impriżi li jinsabu f’sitwazzjoni fattwali u ġuridika komparabbli — Komparabbiltà tas-sitwazzjoni ta’ settur suġġett għal eżami ta’ screening ma’ dik tal-impriżi kollha suġġetti għal kontrolli obligatorji — Kundizzjonijiet*

(Artikolu 107(1) TFUE)

1. Sabiex jiġi evalwat il-kunċett ta’ spejjeż li normalment huma imposti fuq il-baġit ta’ impriża u, għaldaqstant, in-natura selettiva ta’ miżura sabiex din tiġi kklassifikata bħala għajnuna mill-Istat, l-ispejjeż supplimentari li l-impriżi għandhom ibatu minħabba obbligi ta’ oriġini legali, regolamentari jew kuntrattwali li japplikaw għal attività ekonomika, jikkostitwixxu, min-natura tagħhom, tali spejjeż. Il-fatt li tali obbligi joriġinaw mill-awtoritajiet pubbliċi ma jistax għalhekk, waħdu, jaffettwa l-evalwazzjoni tan-natura ta’ interventi oħra ta’ dawn l-istess awtoritajiet, sabiex jiġi ddeterminat jekk dawn jiffavorixxux impriżi lil hinn mill-kundizzjonijiet normali tas-suq.

Ma jaffettwawx il-klassifikazzjoni tal-ispejjeż li għandhom normalment ikunu sostnuti mill-impriżi, iċ-ċirkustanzi li dawn l-ispejjeż joriġinaw mill-intervent tal-awtoritajiet pubbliċi fl-eżerċizzju tal-prerogattivi tagħhom ta' awtorità pubblika jew li l-Istati Membri huma liberi li jassumu dawn l-ispejjeż fl-assenza ta' armonizzazzjoni fil-qasam ikkonċernat.

Barra minn hekk, u fi kwalunkwe każ, il-fatt li ma saret ebda armonizzazzjoni fir-rigward tal-finanzjament tal-miżuri inkwistjoni ma jaffettwax il-klassifikazzjoni ta' vantaġġ ekonomiku li tali finanzjament jista' jikkostitwixxi. Fil-fatt, anki fl-oqsma fejn l-Istati Membri huma kompetenti, dawn għandhom josservaw id-dritt tal-Unjoni u partikolarment ir-rekwiżiti li joħorġu mill-Artikoli 107 u 108 TFUE.

(ara l-punti 35, 36, 38, 39)

2. L-għan ta' saħħa pubblika mfittex mill-obbligu impost fuq l-impriżi ta' settur partikolari sabiex jagħmlu testijiet ta' screening għal marda ma huwiex suffiċjenti għall-esklużjoni tal-klassifikazzjoni bħala għajnuna mill-Istat tal-finanzjament mill-Istat ta' dawn it-testijiet. Fil-fatt, l-Artikolu 107(1) TFUE ma jiddistingwix skont il-kawżi jew l-għanijiet tal-interventi mill-Istat, iżda jiddefinixxihom skont l-effetti tagħhom.

(ara l-punt 40)

3. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punti 48, 49)

4. Sabiex tiġi evalwata n-natura selettiva ta' miżura għall-finijiet tal-klassifikazzjoni tagħha bħala għajnuna mill-Istat, hija l-Kummissjoni li għandha tidentifika jekk din il-miżura, minkejja l-konstatazzjoni li din tagħti vantaġġ ta' portata ġenerali, tagħmilx dan biss għall-benefiċċju ta' ċerti impriżi jew ta' ċerti setturi ta' attivitajiet. Għalhekk, il-Qorti Ġenerali ma twettaqx żball ta' liġi meta tqis li l-Kummissjoni kienet korretta meta qieset li l-finanzjament, minn Stat Membru, ta' testijiet ta' screening operati għall-protezzjoni tas-saħħa pubblika huwa selettiv fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, meta s-sitwazzjoni tal-operaturi tas-settur tal-annimali tal-ifrat prevista minn dan il-finanzjament tkun ġiet impliċitament iżda neċessarjament imqabbla ma' dik tal-impriżi kollha li, bħalhom, huma suġġetti għal kontrolli li huma għandhom iwettqu b'mod obligatorju qabel ma jqiegħdu fis-suq jew jikkummerċjalizzaw il-prodotti tagħhom.

Il-fatt li t-testijiet intiżi sabiex jikkontrollaw il-kwalità tal-prodotti, anki tal-ikel, ivarjaw minn settur għall-ieħor, fin-natura tagħhom, l-għan tagħhom, l-ispiża u l-perijodiċità tagħhom jista' possibbilment jaffettwa l-paragunabbiltà ta' dawn id-diversi setturi huwa irrilevanti fil-kuntest tal-klassifikazzjoni bħala għajnuna mill-Istat, li ma hijiex marbuta mat-testijiet infushom, iżda mal-finanzjament tagħhom minn riżorsi tal-Istat li għandu l-effett li jnaqqas l-ispejjeż imposti fuq il-benefiċjarji tiegħu. Tali kwistjoni għandha titqajjem permezz ta' motiv distint quddiem il-Qorti Ġenerali.

(ara l-punti 50, 53-55)